MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 215/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Clauneck Multimedia Developments Limited, u**
**Kevin Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tat-2 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett skritturi privati datati 7 ta’ Marzu 2006, (Dok. A), 22 ta’ Jannar 2007 (Dok. B) u 9 ta’ Lulju 2007 (Dok. C), is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta’ Clauneck Multimedia Developments Limited;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ Clauneck Multimedia Developments Limited fis-somma ta’ hamsa u tletin elf, mija u wiehed u sebghin ewro u hames centezmu (€35,171.05) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan u Overdraft Accounts”* tas-socjeta’ Clauneck Multimedia

Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D3, E1 sa E15) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' zewg skritturi privati datati 20 ta' April 2006 (Dok. F) u 24 ta' Jannar 2007 (Dok. G), il-konvenut Kevin Busuttil iggarantixxa flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro (€23,294.00);

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B, C, F u G), partikolarment imma mhux esklussivament, billi tas-socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited, u Kevin Busuttil

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi,
(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited u Kevin Busuttil li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Novembru 2009 li kopji taghhom qed jigu hawn ezibiti u mmarkati Dok. H u Dok. I, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl- skritturi fuq imsemmija (u hawn ezebiti rispettivament bhala Dokumenti A, B, C, F u G) partikolarment imma mhux esklussivament, billi tas-socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited u Kevin Busuttil (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited u Kevin Busuttil li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil konvenuta socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited thallas lis-socjeta' attrici flimkien u "*in solidum*" mal-konvenut Kevin Busuttil is-somma ta' hamsa u tletin elf, mija u wiehed u sebghin ewro u hames centezmu (€35,171.05) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D3, E1 sa E15) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Novembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lil konvenut Kevin Busuttil ihallas lis-socjeta' attrici flimkien u "*in solidum*" mas-socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro (€23,294.00) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-socjeta' Clauneck Multimedia Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D3, E1 sa E15) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-22 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Novembru 2009 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, Supervisor Legal Office tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut sallum;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammonti ta' hamsa u tletin elf, mija u wiehed u sebghin ewro u hames centezmu (€35,171.05) u dak ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro (€23,294.00) rispettivament, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------